

Paġna ewlenija>Drittijietek>Imputati (proċeduri kriminali)

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [de](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

il-Ġermaniż**Imputati (proċeduri kriminali)****Ġermanja**

Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri jekk tkun issuspettat li inti wettaqt delitt.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovdata biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżl-Estonjanil-Griegl-Inglišil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanil-

Ungerizl-Olandizil-Pollakkil-Portugizir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandizil-Isvediż

Għal informazzjoni dwar reati tat-traffiku li min iwettaqhom jista' jeħel biss multa, ara l-[Iskeda Informattiva 6](#).

Jekk inti sfajt vittima ta' delitt, tista' ssib informazzjoni dettaljata dwar id-drittijiet tiegħek [hawnhekk](#).

Il-proċeduri kriminali fil-qosor

Din it-taqsimha tinkludi deskrezzjoni fil-qosor tal-fażijiet involuti fil-proċeduri kriminali.

Il-proċeduri kriminali huma diviżi fi tliet fażijiet: il-proċeduri tal-investigazzjoni, il-proċeduri intermedji (interlokutorji) u l-proċess quddiem il-qorti kriminali (inklużi l-appelli u l-infurzar).

Il-proċeduri tal-investigazzjoni (*Ermittlungsverfahren*): L-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni (jew il-prosekutor pubbliku jew il-pulizija) jibdeu investigazzjoni kontra tiegħek jekk qed jiġi ssuspettat li inti wettaqt reat kriminali. L-għan tal-investigazzjoni huwa li jiġi stabbilit jekk is-suspett fil-konfront tiegħek huwiex iġġustifikat jew le. It-tmxixja tal-investigazzjoni tagħhom tista' tinvolvi diversi miżuri, inkluża perkwiżizzjoni fid-dar tiegħek. Meta l-investigazzjonijiet jitlestew, il-prosekutor pubbliku jiddeċiedi jekk jissospendix il-proċeduri minħabba nuqqas ta' suspett jew jekk jippreżentax il-kapi tal-akkuża kontrik.

Il-proċeduri intermedji (interlokutorji) (*Zwischenverfahren*): Matul il-proċeduri intermedji l-qorti tivaluta l-kap tal-akkuża u tiddeċiedi jekk tipproċedix jew le.

Jekk il-qorti temmen li jkun hemm provi suffiċjenti biex kundanna tkun probabbli, hija tagħti bidu għall-proċeduri prinċipali.

Il-proċeduri prinċipali (*Hauptverfahren*): Fil-proċeduri prinċipali, il-qorti tipprepara u ttwettaq il-proċess. Il-qorti tittestja l-kap tal-akkuża waqt smiġh billi tuża l-provi disponibbli (xhieda okulari, dokumenti, eċċ.). Inti tingħata wkoll l-oportunità tgħid lill-qorti l-verżjoni tiegħek ta' dak li ġara u biex tikkomenta dwar l-allegazzjonijiet. Jekk il-kap tal-akkuża jiġi kkonfermat, inti tiġi kkundannat. Jekk il-kap tal-akkuża ma jiġix ikkonfermat, inti tiġi lliberat. Inti tista' tappella kontra sentenza billi tosserva ċerti limiti ta' żmien. Fl-appell (*Berufsverfahren*), il-proċeduri prinċipali jiġu ripetuti quddiem qorti superjuri. Fl-appelli ta' reviżjoni (*Revisionsverfahren*), il-verdett jiġi vverifikat biss għal difetti legali.

Hemm varjazzjonijiet ta' dan. Il-varjazzjonijiet prinċipali huma l-**proċedura sommarja** (*Strafbefehlsverfahren*), is-**sospensjoni tal-proċedura** (*Einstellung des Verfahrens*), u l-**proċedura aċċellerata** (*beschleunigtes Verfahren*).

Dawn l-iskedi informattivi jinkludu dettalji tal-fażijiet individwali fil-proċeduri kriminali u tad-drittijiet tiegħek. Din l-informazzjoni għandha sservi biss ta' gwida u ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li qed tissostwixxi parir legali.

Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea

Jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni Ewropea ma għandha l-ebda influwenza fuq il-proċeduri kriminali fl-Istati Membri u ma tkunx tista' tagħtik assistenza jekk ikollok xi lment.

Jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib l-informazzjoni li teħtieġ.

1 – Noti ta' spjegazzjoni

2 – Kif tikseb parir legali

3 – Id-drittijiet tiegħi waqt il-proċeduri ta' investigazzjoni

L-interrogazzjoni

Il-proċedura ta' identifikazzjoni/perkwizzjoni fuq il-persuna

Il-perkwizzjoni/is-sekwestru/l-intercettazzjonijiet telefoniċi

L-arrest

Iż-żamma taħt arrest preventiv

L-att ta' akkuża

4 – Id-drittijiet tiegħi waqt il-proċeduri fil-qorti

5 – Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess quddiem il-qorti kriminali

6 – Reati tat-traffiku fit-triq

Links relatati

Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali

L-aħħar aġġornament: 30/08/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.